



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 188/22

il-Lussemburgu, 22 ta' Novembru 2022

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawżi magħquda C-37/20 | Luxembourg Business Registers u C-601/20 | Sovim

Direttiva kontra l-ħasil tal-flus: id-dispożizzjoni li tipprevedi li l-informazzjoni dwar il-benefiċjarji effettivi tal-kumpanniji stabbiliti fit-territorju tal-Istati Membri tkun aċċessibbli fil-każijiet kollha għal kull membru tal-pubbliku ġenerali hija invalida.

L-indħil ta' din il-miżura fid-drittijiet iggarantiti mill-Karta la huwa limitat għal dak li huwa strettament neċessarju u lanqas huwa proporzjonat għall-għan imfittex

Konformement mad-Direttiva kontra l-ħasil tal-flus¹, ġiet addottata fl-2009² liġi Lussemburgiża li tistabbilixxi Reġistru tal-Benefiċjarji Effettivi u tipprevedi li serje sħiħa ta' informazzjoni dwar il-benefiċjarji effettivi tal-entitajiet reġistrati għandha tiġi rreġistrata u tinżamm fih. Parti minn din l-informazzjoni hija aċċessibbli għall-pubbliku ġenerali, b'mod partikolari bl-internet. Din il-liġi tipprevedi wkoll il-possibbiltà li benefiċjarju effettiv jitlob lill-Luxembourg Business Registers (LBR), il-ġestjonarju tar-Reġistru, jillimita l-aċċess għal tali informazzjoni f'ċerti każijiet.

F'dan il-kuntest, it-tribunal d'arrondissement de Luxembourg (il-Qorti Distrettwali tal-Lussemburgu) ġiet adita b'żewġ rikorsi, ippreżentati rispettivament minn kumpannija Lussemburgiża u mill-benefiċjarju effettiv ta' tali kumpannija, li kienu talbu, mingħajr suċċess, li LBR jillimita l-aċċess tal-pubbliku ġenerali għall-informazzjoni li tikkonċernahom. Peress li qieset li l-iżvelar ta' tali informazzjoni seta' jwassal għal riskju sproporzjonat ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tal-benefiċjarji effettivi kkonċernati, din il-qorti għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja serje ta' domandi preliminari dwar l-interpretazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva kontra l-ħasil tal-flus u dwar il-validità tagħhom fid-dawl tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

Permezz tas-sentenza tagħha mogħtija lllum, il-Qorti tal-Ġustizzja, komposta bħala Awla Manja, tikkonstata l-**invalidità, fir-rigward tal-Karta**, tad-dispożizzjoni tad-Direttiva kontra l-ħasil tal-flus li tipprevedi li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar il-benefiċjarji effettivi tal-kumpanniji u entitajiet ġuridiċi oħra stabbiliti fit-territorju tagħhom **tkun aċċessibbli fil-każijiet kollha għal kull membru tal-pubbliku ġenerali**.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-aċċess tal-pubbliku ġenerali għall-informazzjoni dwar il-benefiċjarji effettivi jikkostitwixxi **indħil gravi fid-drittijiet fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali**,

¹ Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU 2015, L 141, p. 73), kif emendata bid-Direttiva 2018/843 (ĠU 2018, L 156, p. 43).

² Loi du 13 janvier 2019 instituant un Registre des bénéficiaires effectifs (mémorial A 15) (il-Liġi tat-13 ta' Jannar 2019 li Tistabbilixxi Reġistru tal-Benefiċjarji Effettivi).

rispettivament stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta. Fil-fatt, l-informazzjoni żvelata tippermetti li numru potenzjalment illimitat ta' persuni jsiru jafu dwar is-sitwazzjoni materjali u finanzjarja ta' beneficijarju effettiv. Barra minn hekk, il-konsegwenzi potenzjali, għall-persuni kkonċernati, li jirriżultaw minn użu ta' ħażin possibbli tad-data personali tagħhom jgħu aggravati mill-fatt li, ladarba ssir disponibbli għall-pubbliku ġenerali, din id-data tista' mhux biss tiġi kkonsultata liberament, iżda wkoll tinżamm u tinxtred.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tirrileva li, permezz tal-miżura inkwistjoni, il-leġiżlatur tal-Unjoni jrid jipprevjeni l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, billi joħloq, permezz ta' trasparenza ikbar, ambjent li inqas jista' jintuża għal dawn l-għanijiet. Hija tqis li l-leġiżlatur b'hekk qed ifittex **għan ta' interess ġenerali** li jista' jiġġustifika indħil, anki gravi, fid-drittijiet fundamentali stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta, u li l-aċċess tal-pubbliku ġenerali għall-informazzjoni dwar il-benefiċjarji effettivi **kapaċi jikkontribwixxi għall-kisba ta' dan l-għan**.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li l-indħil li għandha din il-miżura **la huwa limitat għal dak li huwa strettament neċessarju u lanqas proporzjonat għall-għan imfittex**. Minbarra l-fatt li d-dispożizzjonijiet inkwistjoni jawtorizzaw it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ta' data li ma hijex iddefinita jew identifikabbli biżżejjed, is-sistema introdotta mid-Direttiva kontra l-ħasil tal-flus tirrappreżenta ksur **kunsiderevolment iktar gravi** tad-drittijiet fundamentali ggarantiti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta li s-sistema preċedenti (li kienet ipprevediet, minbarra l-aċċess tal-awtoritajiet kompetenti u ta' ċerti entitajiet, dak ta' kull persuna jew organizzazzjoni li kapaċi turi interess leġittimu), **mingħajr ma dan l-aggravament ikun ikkumpensat mill-benefiċċji eventwali** li jistgħu jirriżultaw mis-sistema l-ġdida meta mqabbla ma' dik antika, fir-rigward tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. B'mod partikolari, l-eżistenza possibbli ta' **diffikultajiet fid-definizzjoni** preċiża tal-każijiet u l-kundizzjonijiet li fihom jeżisti tali **interess leġittimu**, invokata mill-Kummissjoni, **ma tistax tiġġustifika** li l-leġiżlatur tal-Unjoni jipprevedi aċċess għall-pubbliku ġenerali għall-informazzjoni inkwistjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja żżid li d-dispożizzjonijiet fakultattivi li jippermettu lill-Istati Membri, rispettivament, **jagħtu d-disponibbiltà ta' informazzjoni dwar il-benefiċjarji kundizzjonali fuq ir-reġistrazzjoni online u jipprevedu**, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, **derogi għall-aċċess tal-pubbliku ġenerali għal din l-informazzjoni** ma humiex, fihom infushom, **tali li juru la bilanċjar xieraq** bejn l-għan ta' interess ġenerali segwit u d-drittijiet fundamentali stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta u lanqas **l-eżistenza ta' salvagwardji suffiċjenti** li jippermettu lill-persuni kkonċernati jipproteġu b'mod effikaxxa d-data personali tagħhom kontra r-riskju ta' abbuż.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u is-sunt](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106

Ibqgħu konnessi!

